

# L-ASPETT SOĊJALI TAL-IŻLAM

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# L-Aspett Soċjali tal-Iżlam

**Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad**[ra]
It-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as],
Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# Social Aspects of Islam
# In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2019)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel**: +356-27342401 - **Mob:** +356-79320139
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-29-2

Il-Qoxra: Bika Ambon | Shutterstock

# Introduzzjoni

Din is-silta hija meħuda mill-ktieb *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam* ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], Kalifatul-Masiħ II.

Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] (1889-1965) ġie elett bħala Kalif u Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fl-età bikrija ta' 24 sena meta l-Komunità kienet għadha fl-infanzja tagħha u għenha biex tissaħħaħ għal aktar minn 50 sena bit-tmexxija spiritwali tiegħu, bit-talb, bid-dmija, bid-dmugħ u bit-tbatija tiegħu.

Bl-intelliġenza fina tiegħu, bl-intellett żviluppat tiegħu, bil-kapaċità profonda u estensiva fl-istudji u, fuq kollox, bl-għerf tiegħu mogħti minn Alla, huwa rnexxielu joħloq ġabra enormi ta' kitbiet, diskorsi, eċċ.

Huwa kellu ħerqa kbira biex iwassal it-tagħlim u l-prinċipji ġenwini tal-Iżlam fl-imħuħ u l-qlub tal-membri tal-Komunità. Huwa xtaq li l-membri jsiru rappreżentanti denji tal-Iżlam u jipprattikaw it-tagħlim tal-Iżlam fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Fis-silta li ġejja huwa jitkellem dwar l-Aspett Soċjali tal-Iżlam.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# L-ASPETT SOĊJALI TAL-IŻLAM

“Bl-aspett soċjali tal-Iżlam qed nirreferi għal regoli ta’ mġiba li kienu twaqqfu mill-Iżlam biex iservu bħala l-pedamenti tas-soċjetà u biex jirregolaw id-drittijiet u d-dmirijiet tal-membri tiegħu mqabbla ma’ ta’ oħrajn. Dawn ir-regoli huma pjuttost eżempji prattiċi ta’ xi wħud mill-kwalitajiet morali. Meta nitkellmu fuq morali l-għan ewlieni huwa l-ġid u s-safa tal-individwu, iżda ma nistgħux ninsew il-fatt li l-individwu huwa membru tas-soċjetà. Min-naħa l-oħra, meta jkollna quddiemna r-regoli soċjali, l-għan prinċipali huwa l-ġid kollettiv tas-soċjetà li l-individwi jappartjenu għaliha. Essenzjalment iż-żewġ tipi ta’ regoli huma morali. Meta nqisu din il-materja minn perspettiva purament morali, l-objettiv tagħna huwa li nsibu regoli ta’ mġiba li għandhom jgħinu lill-bniedem jgħix ħajja tajba msaffa minn kull ħażen.

Mill-aspett soċjali l-għan tagħna huwa li nsibu regoli ta’ mġiba li jgħinu lill-bnedmin jgħixu flimkien fil-paċi u

li jaqdfu 'l quddiem fit-triq tal-progress nazzjonali. Fl-ewwel każ, nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq ir-riflessjoni ta' veritajiet u prinċipji morali fl-astratt, filwaqt li, fil-każ l-ieħor, aktar nagħtu konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom fir-relazzjonijiet ta' bnedmin differenti ma' xulxin. Il-Koran Imqaddes tħaddet dwar ir-regoli ta' mġiba soċjali f'siltiet differenti, iżda l-aħħar kapitlu huwa ddedikat kompletament għal dan is-suġġett. Il-post allokat għal dan il-kapitlu fil-Koran Imqaddes juri li l-aġġustament siewi tar-relazzjonijiet soċjali huwa meqjus bħala l-aktar importanti mill-ħtiġijiet fiżiċi tal-bniedem.

F'dan il-kapitlu r-relazzjonijiet soċjali tal-bniedem huma kklassifikati taħt tliet kategoriji li kull waħda minnhom tagħmel referenza speċjali lejn wieħed mill-attributi Divini.

**L-EWWEL KATEGORIJA** tagħmel referenza speċjali lejn il-kwalità Divina tal-Providenza, u tittratta dwar relazzjonijiet familjari, tribali u nazzjonali, inkluż ir-relazzjoni permezz tal-familja jew iż-żwieġ u r-rabta ta' fraternità stabbilita mill-għajxien fl-istess pajjiż jew provinċja.

**IT-TIENI KATEGORIJA** tittratta dwar ir-relazzjoni bejn is-sovran u s-sudditu, bejn is-sid u l-qaddej, u tagħmel referenza għall-kwalità Divina ta' Tmexxija.

**IT-TIELET KATEGORIJA** tittratta dwar ir-relazzjonijiet

internazzjonali u r-relazzjonijiet bejn komunitajiet differenti, u tagħmel referenza għall-kwalità tad-Divinità. L-attribut tal-Providenza juri r-relazzjonijiet li suppost jeżistu bejn il-membri tal-istess familja, tribù jew pajjiż. L-attribut tat-Tmexxija juri r-relazzjonijiet bejn is-sovran u s-sudditu, sid u qaddej; u l-attribut tad-Divinità juri r-relazzjonijiet bejn nies ta' nazzjonalitajiet u reliġjonijiet differenti.

Se nittratta ma' kull waħda minn dawn il-kategoriji jew diviżjonijiet bl-ordni li jinsabu fiha. Sa issa, fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn membri differenti tal-familja, l-aktar relazzjoni importanti hija dik mantnuta bejn ir-raġel u l-mara, għaliex fuqha jiddependi l-benesseri tal-familja kollha u fl-aħħar mill-aħħar il-benesseri tan-nazzjon kollu. L-ewwel regola mogħtija mill-Iżlam fuq din ir-rabta hija li din ir-relazzjoni għandha tkun ibbażata primarjament fuq konsiderazzjonijiet morali u mhux fuq dawk ta' sbuħija, għana jew pożizzjoni. Il-Koran Imqaddes iwissi lil dawk li jkunu ser jiżżewġu biex jirriflettu dwar l-effett li din ir-rabta intenzjonata tista' tħalli fuq is-safa ta' ħajjithom, u liema tip ta' legat f'forma ta' diskussjoni se tħalli warajha. Il-Qaddis Profeta[sa] jgħid,

> **"Xi nies jiżżewġu għall-ġmiel, oħrajn għall-pożizzjoni u oħrajn għall-għana, iżda inti għandek tiżżewweġ mara tajba u devota."** [*Bukhari, Kitab-al-Nikah*]

Dan biss għandu jkun il-bażi vera taż-żwieġ, u jekk ma jitteħidx inkonsiderazzjoni fl-għażla tas-sieħeb/sieħba, ir-relazzjoni bejn raġel u mara mhix se tkun waħda trankwilla u l-kwistjoni tar-rabta se tkun imqanqla sew. Il-kwalitajiet morali u intellettwali tal-ġenituri jħallu effett kbir fuq it-tfal. Dan joħroġ ċar ħafna mill-istudju tal-ewġenika, ix-xjenza dwar it-titjib tal-popolazzjoni. Għalkemm il-konklużjonijiet maħruġa mill-istudenti tal-ewġenika ma jkunux nieqsa mill-esaġerazzjonijiet, m'hemm l-ebda dubju li l-kwalitajiet morali u intellettwali tal-ġenituri huma ħafna drabi riflessi fit-tfal tagħhom.

Għaldaqstant, l-għażla tar-raġel jew tal-mara ssir affari ta' importanza enormi. Għalhekk, l-ewwel regola magħmula mill-Iżlam turi li fl-għażla tas-sieħeb/sieħba trid tingħata ħafna aktar attenzjoni lill-kwalitajiet tar-ras u tal-qalb milli ċ-ċirkustanzi esterni tad-dehriet, ir-rikkezzi u l-pożizzjoni. L-Iżlam ma jikkundannax dawn l-affarijiet, iżda m'għandhomx ifornu l-bażi ewlenija taż-żwieġ. Jekk raġel u mara jersqu lejn xulxin bis-saħħa tat-tjubija, il-morali u l-intelliġenza tagħhom, u fl-istess waqt ma jkunux nieqsa mill-ġmiel, l-għana u l-pożizzjoni, mela r-rabta ta' bejniethom tkun imbierka darbtejn; iżda s-sbuħija, l-għana u l-pożizzjoni, fihom infushom, mhumiex garanziji ta' hena permanenti. Kieku ż-żwiġijiet kollha jkunu bbażati fuq dan il-prinċipju, kieku mal-ewwel isseħħ rivoluzzjoni morali fid-dinja, u l-qagħda ta' dawn iż-żwiġijiet tkun aktar soġġetta għad-dixxiplina u l-avvanz morali u spiritwali.

Prekawzjoni oħra rikjesta mill-Iżlam hija li, mhux biss il-partijiet involuti fi żwieġ ippjanat għandhom jissodisfaw lilhom infushom bil-merti rispettivi tagħhom, iżda li l-qraba tal-għarusa jkunu wkoll sodisfatti li l-għarus issuġġerit ikun raġel adatt għall-għarusa u missier xieraq għal uliedha. Hija waħda mill-kundizzjonijiet ta' żwieġ Iżlamiku li jridu jiġu miksuba l-kunsens tal-partijiet kif ukoll il-kunsens tal-kustodju tal-għarusa. Jekk hija m'għandhiex missier jew aħwa subien jew xi qarib tagħha maskili, li jkun għadu ħaj, li jkun jista' jaġixxi bħala l-kustodju tagħha għaż-żwieġ, irid jinkiseb il-kunsens tal-maġistrat, u dan tal-aħħar irid jaċċerta ruħu li ma jitwettaq ebda qerq jew ingann fuqha.

Mara hija mogħtija din il-protezzjoni speċjali, għaliex in-natura u t-temperament tagħha jagħmluha aktar modesta u emozzjonali mir-raġel, u hija nnifisha ma tistax toqgħod tistħarreġ dwar ir-raġel prospettiv tagħha bl-istess faċilità li biha dan tal-aħħar jista' jitkixxef kollox dwarha. Barra minn hekk, minħabba li l-mara timpressjona ruħha aktar malajr mir-raġel, hija tista' taqa' vittma ta' ingann aktar faċilment mir-raġel. Il-liġi, għalhekk, tirrikjedi l-kunsens tal-kustodju tagħha, jew tal-maġistrat, għaż-żwieġ tagħha. Kieku f'kull każ jintalab dan il-kunsens, kieku ma nisimgħux b'daqshekk każijiet fejn nisa rispettabbli u bla ħażen ta' xejn jaqgħu vittmi ta' ingann minn irġiel bla skrupli.

Għalkemm l-Iżlam ma jippermettix it-taħlit liberu tas-sessi, huwa jippermetti li koppja namrati tiltaqa' flimkien,

ħalli jkunu jistgħu jidraw l-apparenza ta' xulxin. Jekk jaċċettaw lil xulxin, iż-żwieġ jista' jseħħ.

L-Iżlam jitlob li jsir ftehim għaż-żwieġ dwar il-mara fiż-żmien li jkun se jseħħ iż-żwieġ. Din hija waħda mill-aktar affarijiet importanti fi żwieġ Iżlamiku. Il-ftehim jissejjaħ *Mehr*, jiġifieri, il-leġittima (*dower*). L-iskop ta' *Mehr* huwa li l-mara jkollha drittijiet propretarji indipendenti, u tkun ħielsa biex tagħti l-karità jew tixtri rigali lil qrabatha, eċċ., mill-ġid tagħha stess. It-twaqqif ta' *Mehr* jobbliga lir-raġel li jirrikonoxxi l-pożizzjoni proprjetarja indipendenti ta' martu u d-dritt tagħha li żżomm jew takkwista proprjetà oħra li fuqha r-raġel ma jkollu ebda kontroll.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn ir-raġel u l-mara, ir-raġel m'għandux dritt li jsawwat jew jikkastiga lill-mara ħlief jekk ikun hemm immoralità ċara. F'dan il-każ erba' residenti rispettabbli tal-komunità jridu jixhdu li verament kienet ħatja ta' mġiba żienja. Madanakollu, huwa jrid jibda billi jwiddibha. Jekk hija tippersisti b'din l-imġiba huwa għandu jissepara minn magħha għal perjodu li ma jistax jaqbeż l-erba' xhur. Dan ifisser li jkun hemm waqfa fir-relazzjoni konjugali iżda r-raġel xorta jibqa' responsabbli li jmantniha. Jekk il-perjodu ta' separazzjoni jaqbeż l-erba' xhur, ir-raġel huwa mġiegħel bil-liġi li jerġa' jibda r-relazzjoni konjugali mal-mara tiegħu. Jekk il-waqfa fir-relazzjoni konjugali xorta ma ttejjibx l-imġiba tagħha, u x-xhieda tal-erba' rġiel twajba tal-komunità tkun lesta wkoll, hija tista' tiġi msawta mir-raġel basta ma

jiġrilhiex ħsara f'għadamha u l-ebda tbenġila jew marka ma titħalla fuq ġisimha. Dan kollu, però, iseħħ f'każijiet ta' mġiba immorali evidenti. Ir-raġel m'għandu l-ebda dritt jikkastiga lil martu minħabba difetti oħra jew negliġenza ta' dmirijietha.

Ir-raġel huwa obbligat li jmantni lil martu, anki meta din tkun sinjura u hu fqir. Huwa ordnat li jittrattaha b'ġenerożità u b'għożża. Il-Koran Imqaddes jgħid li anki meta jinqala' d-diżgwid ir-raġel irid jibqa' jittratta lil martu bil-ħniena u bl-imħabba. Il-Qaddis Profeta[sa] qal, **"Ftakru li jien ordnajtilkom biex tittrattaw sewwa lin-nisa."** Darb'oħra huwa qal, **"Raġel m'għandux ikollu antipatija lejn martu. Jekk ma togħġbux ħaġa waħda fiha, żgur li hemm ħafna affarijiet oħra tajbin fiha li jogħġbuh."** Imbagħad huwa stqarr, **"Raġel għandu jlibbes lil martu bħalma jilbes hu u jagħtiha l-ikel bħalma jiekol hu, u m'għandux jabbuża minnha jew jabbandunaha."** Jerġa' jgħid, **"Mhuwiex aċċettabbli li raġel iqatta' ħafna minn ħinu fit-talb jew f'delizzji oħra u b'hekk jittraskura lil martu."** Irid jiddedika parti minn ħinu għal martu. Darb'oħra jgħid, **"L-aħjar fostkom huma dawk li jittrattaw lil marthom bl-aqwa mod."** Min-naħa l-oħra, il-mara hija mitluba li tobdi lil żewġha, li tħares il-proprjetà tiegħu u l-unur tiegħu, u li tindokra u trabbi lil uliedu.

Fil-każ ta' tilwim bejn ir-raġel u l-mara, it-tnejn huma ordnati biex jippruvaw iwarrbu l-kawżi tal-argumenti

tagħhom u jħabirku biex ikollhom relazzjoni amikevoli. Jekk it-tilwim huwa serju, il-kwistjoni trid tgħaddi f'idejn żewġ medjaturi, wieħed magħżul mir-raġel minn qalb il-qraba jew il-ħbieb tiegħu, u wieħed magħżul mill-mara minn qalb qrabatha jew dawk li jixtiqulha l-ġid. Il-medjaturi mbagħad iridu jgħarblu l-każ u jippruvaw jaraw x'qed jikkawża n-nuqqas ta' qbil, u jagħmlu ħilithom biex iressqu l-koppja lejn rikonċiljazzjoni. Jekk dan ma jkunx possibbli jew l-isforzi tagħhom lejn ir-rikonċiljazzjoni jisfumaw fix-xejn, ir-raġel jingħata l-permess li jiddivorzja lil martu, jiġifieri, li jħabbar li ż-żwieġ inħall. Dan kollu mill-ġdid huwa soġġett għal diversi kundizzjonijiet. Pereżempju, it-tħabbira trid tkun waħda pubblika u mhux sigrieta, u trid tkun ripetuta tliet darbiet, b'intervall ta' xahar bejn żewġ tħabbiriet. Qabel l-aħħar dikjarazzjoni jerġa' jingħata ċans lill-partijiet involuti biex jagħmlu rikonċiljazzjoni u jkomplu bir-relazzjoni konjugali tagħhom.

Jekk il-mara jkollha motiv ta' lment kontra żewġha u tkun tixtieq id-divorzju, tista' titolbu bis-saħħa tal-maġistrat bħalma ż-żwieġ innifsu kien soġġett għall-kunsens tal-kustodju tagħha jew tal-maġistrat. Jekk il-maġistrat jemmen li l-ilment tagħha huwa ġust, huwa jiddikjara d-divorzju u f'dan il-każ ir-raġel ma jkunx intitolat li jirkupra mingħand martu l-proprjetà li hu jkun niżżel f'isimha. Jekk id-divorzju jkun qed jitmexxa mill-medjaturi jew mill-maġistrat u l-mara jinstab li qed tiżbalja hi, mela hi tkun ordnata li tirritorna kull parti tal-proprjetà li r-raġel ikun niżżel fuqha u li tkun għadha fil-pussess tagħha. Tul

il-kors tal-proċeduri legali u sakemm jinqata' d-divorzju, ir-raġel huwa mistenni li jibqa' jmantni lil martu.

Ħaġa oħra pprovduta mil-liġi tal-Iżlam għall-protezzjoni tal-mara hija li l-kustodju tagħha għaż-żwieġ huwa pprojbit milli jilqa' flus jew proprjetà bħala konsiderazzjoni għaż-żwieġ. Dan sar biex il-kustodju jitwaqqaf milli jabbuża mill-awtorità tiegħu li jagħti kunsens għaż-żwieġ lill-persuna taħt il-kura tiegħu.

F'xi każijiet ikun neċessarju għar-raġel li jiżżewweġ aktar minn mara waħda minħabba raġunijiet morali, spiritwali, jew saħansitra politiċi, jew għat-tfal, jew minħabba saħħtu. Għaldaqstant, l-Iżlam ippermetta ż-żwieġ ma' għadd ta' nisa basta sa massimu ta' erbgħa bil-kundizzjoni li dawn ikunu trattati kollha ndaqs, kemm f'affarijiet finanzjarji kif ukoll fir-relazzjonijiet personali ma' żewġhom. Ir-raġel huwa ordnat li jgħix ma' kull mara għal perjodu ugwali ta' żmien. Jekk ma jirnexxilux iżomm l-istess trattament man-nisa kollha, huwa jkun soġġett għall-kastig deskritt mill-Qaddis Profeta[sa] li f'Jum il-Ġudizzju nofs ġismu biss jitqajjem mill-imwiet.

Id-divorzju u l-poligamija ħafna drabi huma kkundannati mill-kittieba u l-kelliema tal-Punent, iżda huwa fatt kurjuż, li wara sekli sħaħ ta' tfigħ ta' tajn fuq il-magħżul t'Alla talli ppermetta d-divorzju, il-Punent qed jikkonvinċi ruħu bil-mod il-mod li jintroduċi xi forma ta' divorzju biex ma jħallix l-istruttura tas-soċjetà titfarrak għalkollox.

Mank waqaf ftit u ħasibha qabel ma mmalafama u każbar lill-maħtur t'Alla, ħalli kien ikun meħlus mill-għajb u d-diżunur li jistqarr l-iżball tiegħu. Il-Punent għadu jittrateni biex jadotta l-liġi tal-Iżlam li tittratta dwar id-divorzju li, minn naħa, tagħti protezzjoni kontra deċiżjoni mgħaġġla tad-divorzju, u min-naħa l-oħra, tippermetti d-divorzju bħala l-aħħar rimedju. Xi gvernijiet u korpi leġiżlattivi tal-Punent reċentement ifformulaw liġijiet biex jagħmlu l-proċess tad-divorzju eħfef, iżda dawn il-liġijiet pjuttost se jwasslu għal żieda mhux mixtieqa fl-għadd ta' divorzji, u b'hekk se jheddu l-pedamenti tal-ħajja tal-familja billi jeqirdu l-qdusija taż-żwieġ li huwa r-ruħ tar-rabtiet kollha familjari. L-uniku rimedju xieraq huwa pprovdut mill-Iżlam u l-unika soluzzjoni għall-problemi li qed jiffaċċja l-Punent f'dan ir-rigward hija l-adozzjoni ta' dak ir-rimedju.

Il-Punent s'issa għadu ma ħax bis-serjetà l-prinċipju tal-poligamija, iżda l-jum mhux wisq 'il bogħod meta jkollu jikkonsidra l-kwistjoni b'impenn sħiħ, għaliex is-sejħiet tan-natura ma jistgħux jibqgħu jiġu sfidati mill-impunità, jiġifieri, mill-ħelsien mill-kastigi jew l-uġigħ. Jintqal b'żelu li l-poligamija hija biss mezz għas-sodisfazzjon senswali. Iżda, anki konsiderazzjoni ħafifa tar-restrizzjonijiet imposti mill-Iżlam fuq dawk li jippruvaw jieħdu vantaġġ minn din il-konċessjoni tikkonvinċi persuna imparzjali li t-twaqqif tal-poligamija bl-ebda mod ma huwa mezz għas-sodisfazzjon personali.

Għall-kuntrarju, huwa sagrifiċċju kbir li raġel xi kultant ikun imsejjaħ li jwettaq. L-indulġenza tfisser is-sodisfazzjon tax-xewqat ta' dak li jkun. Kif jista' raġel jiġi akkużat li qed ifittex is-sodisfazzjon senswali meta jiżżewweġ aktar minn mara waħda u jrid jittrattahom kollha ndaqs skont il-liġijiet tal-Iżlam? L-Iżlam jordna li f'każ bħal dan it-trattament ta' mara waħda m'għandu bl-ebda mod ikun differenti minn dak li jingħata lil mara oħra. Ir-raġel jista' jħobb lil waħda ħafna aktar milli jħobb lill-oħra iżda ma jistax jagħtiha sold aktar milli jagħti lill-oħra, u ma jistax lanqas iqatta' siegħa aktar magħha milli jagħmel mal-oħra. Jekk iqatta' ġurnata fil-kumpanija tagħha, irid iqatta' ġurnata fil-kumpanija tal-oħra, u r-relazzjonijiet mat-tnejn li huma jridu jkunu bbażati fuq l-ugwaljanza. Ħlief għall-imħabba li huwa għandu f'qalbu u li ħadd ma jista' jara, it-trattament ta' dik il-mara li hu jħobb elf darba aktar mill-oħra jrid ikun l-istess bħat-trattament ma' din tal-aħħar. Din indulġenza, jew sagrifiċċju wieħed kontinwu magħmul għall-pajjiż, għan-nazzjon jew għall-familja, skont kif ikun il-każ?

Kemm hi iebsa mela għal Musulman meta dawk li ma jafu xejn dwar il-liġijiet tal-Iżlam jgħidulu li l-Qaddis Profeta[sa] żżewweġ ħafna drabi lejn it-tmiem ta' ħajtu għas-sodisfazzjon personali tiegħu? Kull wieħed miż-żwiġijiet tiegħu kien sagrifiċċju kbir magħmul minnu għal pajjiżu u għall-poplu tiegħu, u t-trattament ġust u ugwali li bih mexa ma' kull waħda min-nisa tiegħu ġab mhux biss l-ammirazzjoni iżda wkoll il-mogħdrija ta'

dawk li studjaw il-ħajja tiegħu. L-istorja tixhed il-fatt li saħansitra tul l-aħħar marda tiegħu, meta kellu deni qawwi u ma kienx jiflaħ fuq saqajh, huwa kien imur, megħjun fuq l-ispallejn ta' żewġt irġiel, iżur in-nisa minn dar għal dar skont min kien imissu. Ftit jiem qabel mewtu n-nisa talbuh biex ma joqgħodx idur minn dar għal dar, għaliex ma kienx konvenjenti għalih, u jibqa' fid-dar ta' Aisha sakemm iħossu aħjar.

Xi wħud jiddeskrivu l-poligamija bħala drawwa kattiva. Iżda huwa n-nuqqas ta' din l-użanza li f'ħafna każijiet jikkawża l-moħqrija. Pereżempju, jekk il-mara tiġġennen jew taqbadha marda li ma titfejjaqx, jew inkella ma jkunx jista' jkollha t-tfal, xi jkun ir-rimedju? Jekk ir-raġel ma jiħux it-tieni mara, hemm ċans li jaqa' fil-vizzju, li tkun imbagħad moħqrija fuqu nnifsu u fuq is-soċjetà. Jekk ikun imġiegħel jgħix ma' bniedma miġnuna tkun krudeltà fuq il-ġenerazzjonijiet futuri u fuq is-soċjetà. Jekk jibqa' jgħix ma' mara bil-lebbra, pereżempju, ikun qed jaħqar lilu nnifsu. Jekk il-mara tiegħu tkun infertili u huwa ma jiżżewwiġx it-tieni darba, tkun krudeltà fuq pajjiżu u l-poplu tiegħu. Jekk, f'xi wieħed minn dawn il-każijiet, huwa jiddivorzja lil martu, dan ikun ta' għajb u diżunur għalih, għaliex huwa jkun għex magħha meta hija kienet tajba u abbandunaha fi żmien meta hija l-aktar li kellha bżonn il-protezzjoni tiegħu. Għaldaqstant jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn it-tieni żwieġ mhux biss ikun ġustifikat jew neċessarju, iżda jsir dmir patrijottiku jew reliġjuż.

Ir-relazzjoni li jmiss li teħtieġ konsiderazzjoni hija dik bejn il-ġenituri u l-ulied. Iż-żwieġ iqiegħed il-pedament ta' din ir-relazzjoni. L-Iżlam jordna lill-ġenituri biex irabbu sew lil uliedhom. Huwa jipprojbixxi l-qtil tat-trabi minħabba r-raġuni tal-faqar, kif kienet id-drawwa f'xi tribujiet slavaġ; jew il-qtil tal-bniet minħabba sens ta' kburija falza bħalma kien jiġri qalb xi popli mħarrġin fil-ġlied. Jekk ir-raġel ma jixtieqx li jkollu t-tfal, huwa jrid jikseb il-permess ta' martu qabel ma jirrikorri għal xi mezzi li jipprevenu l-prokreazzjoni. Għal darb'oħra, l-Iżlam jgħabbi lill-ġenituri bir-responsabbiltà tal-istruzzjoni morali tat-tfal tagħhom minn meta jkunu trabi, ħalli meta jikbru jkunu membri fejjieda tas-soċjetà. Huwa jenfasizza t-trattament ugwali tal-ulied, tant li meta jikbru, jekk il-ġenituri jagħtu rigal lil xi ħadd minnhom, iridu jagħtu rigali simili lill-oħrajn.

Jekk ikun neċessarju li xi tifel jew xi tifla jissawtu, dawn m'għandhomx jingħataw daqqiet fuq rashom jew fuq wiċċhom, għaliex dawk il-partijiet tal-ġisem iħaddnu s-sensi kollha u għaldaqstant jista' jsir dannu permanenti lit-tfal.

Enfasi speċjali ngħatat ukoll lill-istruzzjoni u t-taħriġ tal-bniet. Il-Qaddis Profeta[sa] kien stqarr li, **"Jekk raġel ikollu tifla u jrabbiha sewwa huwa jkun meħlus min-nar,"** jiġifieri, jekk raġel irabbi sewwa lil bintu, Alla jkun ġeneruż miegħu. Darb'oħra jgħid, **"Jekk raġel ikollu wlied bniet u subien, jew ħutu iżgħar kemm subien kif ukoll bniet,**

**u hu jgħallimhom u jipprovdi għall-ħtiġijiet tagħhom, huwa jkun aċċettat fil-ġenna.”** Bl-istess mod huwa jgħid, **“Jekk raġel ikollu tifla, u ma joqtolhiex, u ma jkażbarhiex, u ma jippreferix lil uliedu subien flokha, Alla jirregalalu l-ġenna,”** jiġifieri li dan il-proxxmu jkun ħaqqu li jirċievi sehem akbar mill-grazzja t’Alla, u mhux li jkun liberu li jaġixxi b’liema mod jixtieq u fl-istess ħin ma tiġrilu l-ebda ħsara.

Saret enfasi kbira fuq il-kura tas-saħħa tat-tfal. Il-Qaddis Profeta[sa] jgħid, “Tressqux lit-tfal tagħkom eqreb lejn il-mewt billi twettqu l-att sesswali waqt li l-mara tkun għadha tredda’, għaliex dan l-att jaffettwa l-iżvilupp tat-tfal.” Dan juri li attenzjoni speċjali trid tingħata lis-saħħa tat-tfal, il-għaliex jekk raġel huwa marbut li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu minħabba s-saħħa tal-ulied mela huwa mistenni li jagħmel sagrifiċċji iżgħar aktar malajr għall-istess għan.

Sitwazzjoni oħra relatata mar-relazzjonijiet fil-familja hija l-kwistjoni tal-wirt u s-suċċessjoni. L-Iżlam waqqaf tant regoli perfetti għar-regolazzjoni tal-wirt, li l-persuni imparzjali kollha, ikunu ta’ liema reliġjon ikunu, jaffermaw is-sens ta’ ġustizzja u l-għerf li fihom. L-Iżlam inkluda n-nisa, il-ġenituri, l-irġiel u n-nisa miżżewġa fil-lista tal-werrieta. Huwa jipprojbixxi l-esklużjoni tal-werrieta kollha mis-suċċessjoni; u lanqas wieħed ma jista’ jċaħħad lill-werrieta kollha mis-sehem tagħhom tal-wirt billi jippjana li jwarrab il-wirt kollu minnhom. Testment

jista' jsir biss b'rispett lejn terz tal-proprjetà tat-testatur; il-bqija jridu jmorru għand il-werrieta tiegħu. U testament ma jistax isir bi preferenza ta' werriet wieħed, kull werriet jista' jikseb biss is-sehem speċifiku tiegħu tal-wirt u xejn aktar.

Is-sehem ta' werrieta mara huwa f'ħafna każi n-nofs ta' dak ta' werriet raġel. F'ċerti każi eċċezzjonali mara jirnexxilha tikseb sehem ugwali bħal tar-raġel, iżda hemm raġunijiet speċjali li jiġġustifikaw dan it-tluq mir-regola ġenerali. Xi wħud jaħsbu li r-regola li tagħti lir-raġel sehem doppju mill-mara hija inġusta. Dawn jinsew li taħt il-maġġoranza tal-liġijiet anki tal-lum id-drittijiet tan-nisa mhuma rikonoxxuti xejn, u huwa l-Iżlam biss li rnexxielu jagħti l-jeddijiet sħaħ lin-nisa. Ir-raġuni għal din ir-regola hija li mara mhijiex mitluba li tmantni lilha nnifisha jew lil uliedha mill-proprjetà tagħha stess. F'kull każ hija għandha tiġi mantnuta minn żewġha, filwaqt li r-raġel huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jmantni lil martu u lil uliedu. Jekk mara tiżżewweġ hija tinħeles mill-inkwiet kollu li jirrigwarda l-manteniment tagħha u ta' wliedha, u jekk ma tiżżewwiġx – xi ħaġa li l-Iżlam ma japprovax – hija jkollha lilha nnifisha biss biex tmantni mill-proprjetà tagħha stess. Jekk raġel jiżżewweġ, u l-Iżlam jamarlu dan, huwa jitgħabba bir-responsabbiltà li jmantni lil martu u lil uliedu. Jekk inżommu dan quddiemna mela l-Iżlam iffissa li s-sehem tar-raġel ikun id-doppju ta' dak tal-mara, u dan huwa perfettament ġust.

It-tfal huma mitluba li jonoraw u jobdu lill-ġenituri tagħhom, u li jgħinuhom u jmantnuhom meta dawn jixjieħu. Huma ordnati partikolarment biex ma jitkellmux bl-aħrax magħhom, jew li jweġġgħulhom is-sentimenti tagħhom, u li jitolbu l-ħin kollu ’l Alla għall-benesseri tagħhom.

L-aħwa huma mitluba li jieħdu ħsieb lil ħuthom li m’għandhom lil ħadd min jieħu ħsiebhom, u f’dan il-każ ikunu intitolati li jirtuhom. Bl-istess mod, qraba oħra huma mitluba li jgħinu u jmantnu lil dawk il-qraba li jsiru l-werrieta tagħhom kieku mietu possessuri tal-proprjetà.

Wara l-membri l-aktar qrib tal-familja jiġu l-ġirien u l-kompatrijotti. Dwar dawn il-Koran Imqaddes jgħid:

> **“Kunu twajba mal-ġenituri tagħkom, u mal-qraba u mal-orfni u ma’ dawk li huma fil-bżonn, u mal-ġirien li joqogħdu fil-qrib u ma’ dawk li joqogħdu ’l bogħod, u mas-sieħba tagħkom fin-negozju u mal-kollegi fuq ix-xogħol, u mal-vjaġġaturi u l-ilsiera tagħkom.”**
> [Al-Nisa, 4:37]

L-Iżlam qiegħed ir-relazzjonijiet soċjali fuq bażi soda billi ddikjara d-drittijiet ta’ dawn il-klassijiet ta’ nies, speċjalment dawk tal-fqar, li huma ħutna li baqgħu lura fil-progress. Membri tas-soċjetà li mhumiex ħafjin tpoġġew

responsabbli mill-ġid tal-orfni. Dawn iridu jrabbu lil dawn it-tfal bħallikieku kienu tagħhom stess. Dawk li huma fqar u bla xogħol ukoll iridu jingħataw l-għajnuna u jridu jiġu pprovduti bix-xogħol. Għal darb'oħra, kull persuna trid twettaq il-ġid mal-ġirien tagħha, kemm dawk li joqogħdu fil-qrib u dawk li joqogħdu 'l bogħod, jiġifieri, dawk li joqogħdu fl-istess raħal, u dawk li ġew joqogħdu f'dak ir-raħal minn postijiet oħra. Is-sħab fin-negozju u l-kollegi tax-xogħol imbagħad iridu jingħataw trattament speċjali.

Jien personalment m'iniex favur it-trejdjunjins li huma riżultat tal-ħajja soċjali tal-Punent. Kieku l-liġijiet soċjali tal-Iżlam kellhom jitħaddmu, id-drittijiet tal-ħaddiema kienu jkunu protetti mingħajr it-twaqqif ta' dawn l-unjins imma dan ifisser li jrid ikun hemm ċertu ammont ta' kooperazzjoni u fraternità bejn in-nies li jkunu qed jaħdmu fl-istess professjoni. Għal darb'oħra, qed niġu mwissija biex nittrattaw il-vjaġġaturi – sinjuri jew fqar – b'ġenerożità, ħalli relazzjonijiet sani jkunu jistgħu jiġu mwaqqfa fil-qrib u fil-bogħod, u jkunu jistgħu jissejsu l-pedamenti tal-paċi universali.

Rigward ir-relazzjonijiet bejn l-anzjani u ż-żgħar il-Qaddis Profeta[sa] qal:

> **"Persuna anzjana jew setgħana li ma tittrattax lil xi ħadd iżgħar jew aktar dgħajfa b'ġenerożità, u persuna żagħżugħa jew dgħajfa li ma tittrattax**

**b'rispett lil xi ħadd ixjeħ jew b'aktar setgħa, mhijiex waħda minna."**

Din twaqqaf prinċipju fundamentali li huwa applikabbli għas-sidien u l-qaddejja, għall-għalliema u l-istudenti u relazzjonijiet simili oħra.

Dwar ir-relazzjonijiet ġenerali bejn l-irġiel u n-nisa, l-irġiel huma ordnati biex jipprovdu ambjent komfortabbli lin-nisa. Il-Qaddis Profeta[sa] kien jibqa' dejjem bilqiegħda wara t-talb, ħalli n-nisa jkunu jistgħu joħorġu bil-kumdità. Meta kollha jkunu ħarġu, kien iqum u miegħu kienu jqumu wkoll l-irġiel. Waqt vjaġġ, jekk l-irġiel jippruvaw iġerru l-iġmla, kien jgħid, "Ħudu ħsieb il-ħġieġ," jiġifieri, ma kellhomx għalfejn iġerru ħafna ħalli n-nisa ma jħossux l-iskumdità.

L-irġiel huma mwissija biex ma jidħlux fi djarhom meta jirritornaw minn xi vjaġġ twil, mingħajr ma javżaw sew minn qabel. Iridu jaslu d-dar tul il-jum u wara li jkunu ħabbru minn qabel il-ħin tal-wasla tagħhom, ħalli n-nisa jkollhom biżżejjed ħin biex jirranġaw kollox għall-wasla tagħhom.

Ordni oħra li tirrigwarda n-nisa hija li dawn ma jistgħux ikunu separati mit-tfal tagħhom. Din twassal għal prinċipju ġenerali li l-qraba m'għandhomx jiġu separati minn qrabathom u għandhom jitħallew jiltaqgħu u jżuru lil xulxin. Dawk l-affarijiet kollha li jistgħu joħolqu

d-diżgwid huma projbiti. Pereżempju, huwa miktub li t-tfassil ta’ akkużi foloz għandu jiġi kkastigat bl-aħrax. Raġel m’għandux jagħmel proposta għaż-żwieġ, meta jkun hemm raġel ieħor li għamel il-proposta qablu, sakemm dan tal-aħħar jiġi miċħud.” [1]

[1] *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam*, *Anwarul-Uloom*, vol. 8, p. 268-280, ġie ppubblikat minn Nażarat Nashro-Ishaat, Qadian, fl-2008; *Ahmadiyyat or the True Islam*, p. 234-250

**"Social Aspect of Islam."** This is a Maltese translation of the writing taken from *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam* written by Hazrat Mirza Bashiruddin Mahmud Ahmad[ra], the Second Caliph of the Prmoised Messiah[as].

**www.ahmadiyya.mt**

9 789995 759292